MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 74/2018/1 LM

**Grace Spiteri (K.I. numru 95559M)**

***vs.***

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Is-soċjetà konvenuta **GasanMamo Insurance Limited**, [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà ritrattandi"], ippreżentat rikors sabiex a tenur tal-paragrafu (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jerġa' jinstema mill-ġdid l-appell deċiż minn din il-Qorti kif diversament preseduta [minn issa 'l quddiem "il-Qorti tal-Appell (Inferjuri)"] fit-23 ta' Jannar, 2020, [minn issa 'l

quddiem "is-sentenza"] favur l-attriċi **Grace Spiteri** [minn issa 'l quddiem "ir-ritrattata"], li permezz tagħha iddeċidiet kif ġej:

*"1. Tilqa' l-ewwel aggravju tar-rikorrenti appellanti;*

*2. Tilqa' t-tieni aggravju tar-rikorrenti appellanti in parte sakemm dan huwa konsistenti ma' dak hawn fuq deċiż;*

*3. Tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-lodo arbitrali appellat datat 21 ta' Mejju, 2018 fl-ismijiet premessi;*

*4. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mqajjma mis-soċjetà intimata fir-risposta tagħha datata 4 ta' Marzu, 2016;*

*5. Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:*

*(i) Tiddikjara li r-rikorrenti Grace Spiteri kienet koperta bil-polza ta' assigurazzjoni fil-ħin tal-inċident li seħħ nhar it-22 ta' Awwissu, 2015;*
*(ii) Tillikwida s-somma li għandha tiġi risarċita mis-soċjetà intimata lir-rikorrenti fl-ammont ta' tnax-il elf Euro (€12,000);*
*(iii) Tordna li r-rikorrenti tiġi riżarċita mis-soċjetà intimata fis-somma ta' tnax-il elf Euro (€12,000);*
*(iv) Tikkundanna lis-socjetà intimata tħallas is-somma ta' tnax-il Elf Euro (€12,000) lir-rikorrenti Grace Spiteri.*

*Stante li ma saret l-ebda talba għall-imgħax dan għandu jkun dekorribbli mid-data ta' din id-deċiżjoni sad-data tal-pagamenti effettiv.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà intimata appellata."*

## <u>Mertu</u>

2. Fit-8 ta' Ġunju, 2018, ir-ritrattata kienet intavolat appell quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, minn lodo arbitrali tal-21 ta' Mejju, 2018, mogħti mill-Arbitru l-Av. Dott. Ramona Frendo fl-ismijiet fuq premessi. Permezz tar-rikors tagħha r-ritrattata talbet sabiex dak il-lodo arbitrali jitħassar, jiġi revokat u kkanċellat, filwaqt li l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà

ritrattandi jiġu miċħuda u t-talbiet tagħha jintlaqgħu, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà ritrattandi.

3. Is-soċjetà ritrattandi wieġbet permezz tal-preżentata ta' risposta fit-28 ta' Ġunju, 2018, fejn issottomettiet li l-appell tar-ritrattata kien wieħed infondat fil-fatt u fid-dritt u għalhekk kellu jiġi miċħud bl-ispejjeż, filwaqt li l-lodo arbitrali kellu jiġi kkonfermat fl-intier tiegħu.

**<u>Is-sentenza ritrattata</u>**

4. Is-segwenti huma l-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) rilevanti għat-talba tas-soċjetà ritrattandi :

> *"8. Illi kif gia ingħad l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa allegata interpretazzjoni ħażina tal-liġi da parti tal-arbitru fir-rigward tal-polza tal-assigurazzjoni. L-appellanti tinsiti li għalkemm hija taqbel li r-relazzjoni bejnha u bejn is-soċjetà appellata hija wahda kontrattwali ssostni iżda li l-arbitru legalment kellha tidħol f'analiżi tal-fatti sabiex tqis jekk il-'policy holder' u ċioe' r-rikorrenti kinitx taf, ippermettiet jew setgħetx raġonevolment tkun taf li bintha kienet ser issuq taħt l-effett tal-alkoħol iżda dan fid-deċiżjoni appellata ma sarx.*
>
> *Illi fir-rigward ta' dan l-aggravju u l-eċċezzjoni mqajjma da parti tas-soċjetà appellata li l-aggravju ma jikkonsistix f'punt ta' dritt iżda sempliċement nuqqas ta' qbil mal-apprezzament tal-provi da parti tal-arbitru din il-Qorti ma taqbilx mal-istess eċċezzjoni stante li anki mid-deċiżjoni appellata jirriżulta li din il-kwistjoni ġiet trattata da parti tal-istess arbitru bħala punt ta' dritt tant li daħlet fid-distinzjoni bejn ir-relazzjoni* 'ex contractu' *u dik li hi* 'culpa aquiliana'. *Għalhekk l-Qorti ser tiċħad din l-eċċezzjoni fir-rigward tal-ewwel aggravju u ser tqis il-mertu tiegħu.*
>
> *Illi mid-deċiżjoni appellata jirriżulta li huwa minnu li l-arbitru skartat it-teżi tal-appellanti li bħala arbitru tidħol f'analiżi ta' x'ippermettiet o meno il-'policy holder' qabel ma tasal għall-konklużjoni li kellha tapplika l-esklużjoni tal-ħlas skont il-'policy'*

*minħabba sakra da parti tax-xufier. L-arbitru waslet ghal din il-konklużjoni stante li fil-konfront tad-deċiżjoni kwotati mir-rikorrenti a favur it-teżi tagħha argumentat kif isegwi:*

'is-sentenzi ċitati mir-rikorrenti mhumiex komparabbli jew applikabbli għax-xenarju legali odjern. Hemmhekk si trattava ta' culpa aquiliana u l-konsegwenti kopertura ai termini tal-**Kap. 104** tal-**Liġijiet ta' Malta** kif inhuwa ċar kristallin mill-fatt illi lkoll jitkellmu dwar ir-responsabilità solidali tas-sid max-xufier illi jkun xurban jew, għal xi raġuni, mhux kopert. Fil-każ odjern, mill-banda l-oħra, kif tajjeb rilevat fil-paragrafu 14 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjetà intimata, si tratta ta' relazzjoni ex contractu, illi hija unikament regolata mill-principju *pacta sunt servanda*, u fejn allura, ir-rikorrenti ma tistax taħrab minn dak illi hija akkonsentiet għalih meta daħlet fil-polza ta' assikurazzjoni ...'

*Jirriżulta għalhekk li l-arbitru ddistingwiet bejn żewġ relazzjonijiet distinti:*

(i) *Każ fejn* 'policy holder' *jiġi mfittex sabiex jagħmel tajjeb għal danni sofferti minn terzi konsegwenza ta' inċident li seħħ bil-vettura tal-*'policy holder' *misjuqa iżda minn persuna oħra taħt l-influwenza tal-alkoħol, dak magħruf bħala d-dritt għar-rivalza. F'dan il-każ l-arbitru fid-deċiżjoni tagħha sostniet li japplika l-prinċipju tal-'culpa aquiliana' u għalhekk wieħed irid jidħol fil-kweżit dwar jekk il-'policy holder' ippermettix, kienx jaf jew seta' jkun jaf li s-sewwieq ser isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol;*

(ii) *Każ bħal dak odjern fejn huwa l-istess* 'policy holder' *li qed ifittex lill-assigurazzjoni tiegħu stess, taħt l-istess poliza ta' assigurazzjoni sabiex jitħallas tad-danni sofferti fil-vettura kopja liema danni jkunu seħħew konsegwenza ta' sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol minn persuna oħra li mhux il-*'policy holder'. *F'dan ir-rigward skont id-deċiżjoni appellata japplikaw ir-regoli 'ex contractu' u għalhekk dejjem skont l-arbitru fid-deċiżjoni appellata ma tapplikax il-ġurisprudenza kwotata mir-rikorrenti appellanti li tirrikjedi li jsir eżami tal-provi dwar jekk il-*'policy holder' *ippermettiex, kienx jaf jew seta' jkun jaf li l-karozza ser tinstaq taħt l-inlfluwenza tal-alkoħol u għalhekk l-arbitru qieset li ma kellhiex għalfejn tidħol f'dan il-kweżit fid-deċiżjoni tagħha.*

*Il-Qorti dwar dan il-punt rat id-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Fogg Insurance Agencies Limited noe vs. Dr. Mark Busuttil et noe*** *deċiża nhar il-25 ta' Ottubru, 2013 (15/2005/1), li saret ukoll referenza għaliha da parti tal-appellanti, u tqis li ta' importanza huwa l-estratt segwenti:*

'Bit-tieni aggravju, is-socjetà assigurattriċi tgħid li jekk l-ewwel aggravju tagħha jigi miċħud, mill-ammont dovut għandu jonqos is-sehem dovut lill-konvenuta Josephine Gabriel (li hija waħda mill-eredi) stante li din kisret kundizzjoni tal-polza meta ħalliet li l-vettura tinstaq minn persuna, Jean Pierre Farrugia, li ma kienx awtorizzat isuqha taħt il-polza.

Mill-provi, però, ma jirrizultax li Josephine Gabriel kisret xi kundizzjoni tal-polza f'dan is-sens. Li jirriżulta mill-provi, anzi, hu li din Josephine Gabriel ma kinitx taf li l-vettura kienet ser tinstaq minn Jean Pierre Farrugia. L-imsemmija Josephine Gabriel ma tistax tinstab responsabbli għall-għemil ta' ħaddiehor. Il-karozza kienet f'idejn "authorised driver" u kien dan, f'deċiżjoni tal-mument, li ħalla lil Jean Pierre Farrugia jieħu over is-sewqan. Dan ma sarx bil-konoxxenza tal-assigurata, u kwindi mhux applikabbli għall-każ il-prinċipju enunċjat fil-kawża Middlesea Insurance plc v. Mabrouk et, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2008, li kien każ fejn l-assigurat ma ħax ħsieb u naqas milli jara li l-kundizzjonijiet tal-polza jkunu rispettati. L-assigurata Josephine Gabriel, f'din il-kawża xehdet li hi ma kellha ebda idea li Jean Pierre Farrugia kien se jsuq il-vettura in kwistjoni, u la saret prova li tikkontradixxi din l-istqarrija, u lanqas ma ntwera li hi messha jew setgħet tkun taf, fejn, allura, il-konklużjoni kienet tkun differenti.'

*F'dan il-każ l-Onorabbli Qorti tal-Appell f'ambitu ta' 'claim' tal-istess '*policy-holder' *għal risarċiment ta' danni sofferti minnha (konsegwenza tal-mewt ta' binha fl-inċident partikolari li kien passiġġier fil-vettura in kwistjoni) u għalhekk f'ambitu ta' pretensjoni 'ex contractu' u mhux ta' 'culpa aquiliana', l-Onorabbli Qorti tal-Appell xorta waħda daħlet f'analiżi tal-provi dwar dak li l-'*policy holder' *setgħet ippermettiet jew le sabiex tagħmel eżami dwar jekk il-'*policy holder' *innifisha kisritx xi kundizzjoni tal-polza hi stess.*

*Illi applikati l-prinċipji enunċjati fid-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell suesposta għall-każ odjern, ir-rikorrenti '*policy-holder' *intavolat il-'claim' tagħha 'ex contractu' ai termini tal-poliza tal-assigurazzjoni li sejjaħ lilha sabiex titħallas tad-danni sofferti fil-vettura proprjetà tagħha konsegwenza tal-inċident li kellha bintha. Is-soċjetà appellata ssostni (kif fuq kollox tatha raġun l-arbitru fid-deċiżjoni appellata) li la darba din hija 'claim' ex-contractu' allura m'għandux isir l-analiżi tal-provi dwar jekk il-'*policy-holder' *innifisha kisritx xi kundizzjoni tal-'policy' iżda huwa biżżejjed li jiġi pruvat li x-xufier kienet taħt l-influwenza tal-alkoħol.*

*Illi b'applikazzjoni tal-prinċipji suesposti fid-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell preseduta minn tlett Imħallfin, din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tas-soċjetà appellata. Jirriżulta, skont l-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, li anki f'każ ta' 'claim'*

*'ex contractu' għandha ssir evalwazzjoni dwar jekk il-'*policy-holder' *innifsu kisirx il-kundizzjonijiet tal-polza anki għaliex kien hu/hi li ntrabat mas-soċjetà intimata fit-termini tal-'policy' in kwistjoni u ħadd aktar.*

*Illi fil-każ odjern jirriżulta mill-provi li x-xufiera bint ir-rikorrenti Maria Spiteri kienet indikata bħala* 'authorised driver' *skont l-istess policy u għalhekk kellha kull jedd li ssuq tali vettura. Skont l-istess rikorrenti jirriżulta li kien normali ħafna li Maria Spiteri tuża din il-vettura kemm biex tmur għax-xogħol kif ukoll biex toħroġ fil-ħin ta' divertiment tagħha u dan kienet ilha tagħmlu mingħajr ebda problemi. Jirriżulta għalhekk li l-okkażjoni fejn seħħ l-inċident in kwistjoni kienet okkażjoni oħra* ***minn ħafna*** *fejn Maria Spiteri, kif kien normali, użat il-vettura sabiex toħroġ ovvjament bil-konoxxenza ta' ommha il-'*policy holder'*. Dan iżda ma jfissirx li r-rikorrenti appellanti* 'policy holder' *għandha allura tiġi meqjusa li awtomatikament kienet taf jew ippermettiet li Maria Spiteri ssuq il-vettura taht l-influwenza tal-alkoħol. Anzi pjuttost jista' jiġi dedott bil-kontra u ċioe' dak li xehdet hi stess mal-arbitru li sa fejn taf hi bintha 'issuq tajjeb'. Aktar u aktar ma jistax jigi meqjus li l-'*policy holder' *setgħet tassumi b'xi mod li bintha kienet ser issuq taħt l-influwenza tal-alkoħol meta din xehdet li saħansitra bintha ċemplitilha sabiex tavżaha li kienet ser iddum biex tidħol b'dan li wieħed jifhem li l-bint kienet taf x'inhi tagħmel anzi kienet tant responsabbli li ċemplet lil ommha. Mill-atti proċesswali din il-Qorti* ***ma sabet l-ebda prova li tista' b'xi mod twassalha għall-konvinċiment tagħha sal-grad tal-probabbli skont il-liġi*** *li l-omm u ċioe' l-'*policy holder' *kienet taf li bintha ser issuq il-vettura taħt l-influwenza tal-'alcoħol' aktar u aktar li hija ppermettiet li bintha tagħmel dan. Għalhekk fl-atti ma tressqitx prova li r-rikorrenti ma ħaditx ħsieb jew naqset milli tara li l-kundizzjonijiet tal-polza jkunu rispettati.*

*Illi in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa ġustifikat fis-sens li huwa minnu li l-arbitru għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi meta ma daħlitx fl-evalwazzjoni tal-fatti għal dak li setgħet ippermettiet o meno r-rikorrenti* 'policy holder' *fil-każ odjern sabiex tara tirriżultax jew le ksur tal-polza. Stante li jirriżulta li r-rikorrenti* 'policy holder' *ma kellha l-ebda responsabbiltaà fis-sewqan ta' bintha allegatament taħt l-influwenza tax-xorb, ir-relazzjoni 'ex contractu' bejn il-'*policy holder' *u s-socjetà intimata tobbliga lill-istess socjetà intimata li taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti fil-vettura taghha koperta bil-polza in kwistjoni. F'dan il-każ l-esklużjoni fil-polza li tagħmel referenza għaliha s-soċjetà intimata ma tapplikax."*

**It-talba għar-ritrattazzjoni**

5. Peress li s-soċjetà konvenuta ħasset ruħha aggravata b'din is-sentenza minħabba dak li tgħid li huwa applikazzjoni ħażina tal-liġi riżultanti fi preġudizzju kontra tagħha, fir-rikors tagħha fuq imsemmi hija qiegħda titlob dan li ġej minn din il-Qorti:

> "*...sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, provvediment u ordni opportuna, jogħġobha:*
>
> *i. Tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet* Grace Spiteri vs GasanMamo Insurance Limited *(Appell Numru 74/2018) u dan tenur tal-Artikolu 811 (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *ii. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet* Grace Spiteri vs GasanMamo Insurance Limited *(Appell Numru 74/2018) sabiex dina tiġi mismugħha, trattata u deċiża skont il-Liġi*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' Grace Spiteri għas-subizzjoni.*"

**Ir-Risposta**

6. Ir-ritrattata wieġbet billi ssottomettiet li s-sentenza li tagħha qiegħda tintalab ir-ritrattazzjoni hija waħda ġusta u ma hemmx raġuni għaliex għandha tiġi mibdula kif mitlub.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Wara li s-soċjetà ritrattandi spjegat liema kienu l-fatti li taw lok għall-preżentata tar-rikors tagħha, irrilevat li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell

(Inferjuri) tat-23 ta' Jannar, 2020 straħet għalkollox fuq is-sentenza deċiża fit-25 ta' Ottubru, 2013, mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited noe *vs.* Dr Mark Busuttil et noe**.[1] Iżda tgħid li l-mertu tal-proċeduri odjerni kien għalkollox differenti, għaliex hija proprju l-assikurata hawnhekk li kienet qiegħda tfittex il-ħlas ta' danni sofferti minnha stess. B'hekk ma kinux applikabbli id-disposti tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Meta l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) ittrattat il-każ odjern billi xebħet is-sitwazzjoni legali tiegħu għal dak riżultanti fil-każ fuq imsemmi, dan wassal sabiex dik il-Qorti applikat liġi żbaljata għall-każ odjern u għalhekk kien hemm lok ta' rtirattazzjoni *ai termini* tal-paragrafu (3) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjetà ritrattandi ssostni li l-liġi li kellha tiġi applikata fil-każ odjern kienet il-polza ta' assikurazzjoni ossia l-kuntatt viġenti bejn il-partijiet. Hawnhekk hija tagħmel riferiment għall-artikolu 992 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u anki għall-ġurisprudenza tal-qrati tagħna. Tkompli tispjega li filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet fuq ċitati l-Qorti ikkristalizzat il-prinċipju legali li jirriżulta mill-Kap. 104, illi l-polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt bejn tnejn minn nies a benefiċċju ta' terz, anki fejn iseħħ ksur tat-termini tal-polza da parti tal-assikurat/a, fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda terz involut iżda kien hemm sitwazzjoni fejn id-danni kienu ġew sofferti minn waħda miż-żewġ partijiet tal-kuntratt/polza. Għalhekk skont l-artikolu 992 tal-Kap. 16 il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) kienet marbuta li tapplika t-termini ta' dak il-kuntratt peress li dan kellu s-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet. Is-soċjetà ritrattandi tinsisti li s-sentenza fl-ismijiet fuq ċitati kellha tinftiehem fid-dawl ta' dak li ntqal ukoll

[1] App. Sup. 15/2005.

fis-sentenza fl-ismijiet **Josephine Gabriel et *vs.* Jean Pierre Farrugia**[2] fejn il-Qorti sabet lis-sewwieq tal-vettura, jiġifieri l-konvenut Jean Pierre Farrugia, responsabbli għall-inċident u għalhekk għaddiet sabiex illikwidat id-danni favur l-atturi *qua* eredi ta' Joseph Gabriel li kien il-passiġġier fil-vettura fejn waħda mill-eredi Josephine Gabriel kienet proprju sid ta' tali vettura. Sussegwentement is-soċjetà assikuratriċi Fogg Insurance Agencies Limited intavolat il-proċeduri fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited noe *vs.* Dr Mark Busuttil et noe**[3] fejn fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet it-talbiet tagħha, filwaqt li għamlet distinzjoni bejn ir-rwol ta' Josephine Gabriel *qua* assikurata u r-rwol tagħha *qua* eredi ta' Joseph Gabriel kif kien proprju l-każ. B'hekk il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) kienet għalkollox skorretta meta osservat li l-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fuq ċitata f'ambitu ta' pretensjoni *ex contractu* u mhux ta' *culpa aquiliana,* xorta waħda daħlet fl-analiżi tal-provi sabiex tikkonstata jekk dik il-*policy holder* kinitx kisret xi kondizzjoni tal-polza. Iżda kuntrarjament għal dak li għamlet il-Qorti tal-Appell (Inferjuri), il-prinċipji enunċjati f'dik is-sentenza ma jistgħux jiġu applikati għall-każ odjern peress li dik hija sentenza msejsa fuq *culpa aquiliana.* B'hekk il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) kienet applikat il-liġi żbaljata għall-każ odjern, li kien wieħed imsejjes fuq azzjoni *ex contractu* fejn l-assikurata qiegħda titlob l-eżekuzzjoni favur tagħha tal-obbligi kuntrattwali naxxenti mill-polza. Għalhekk il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) hawnhekk kellha tapplika is-subinċiż (iv) tal-para. 2(b) tal-*General Exclusions* tal-Polza ta' Assikurazzjoni. Is-soċjetà ritrattandi tissottometti li din l-esklużjoni kienet waħda kategorika u tapplika irrispettivament jekk l-assikurat ikunx ippermetta

[2] P.A., 1083/2002/JA, 26.10.09.
[3] *Supra.*

*o meno* lis-sewwieq isuq taħt l-infuwenza tal-alkoħol. B’hekk issostni li l-punt jekk l-assikurat kienx jaf jew le dwar dan, kien għalkollox irrilevanti.

8. Ir-ritrattata tibda billi tispjega l-prinċipji legali li jirregolaw l-istitut tar-ritrattazzjoni. Tgħid li l-qrati tagħna diversi drabi kellhom l-opportunità li jindirizzaw ir-rekwiżiti sabiex tirnexxi l-azzjoni kif proposta. Wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali huwa li applikazzjoni ħażina ta’ liġi ma tistax tinftiehem bħala interpretazzjoni ta’ liġi li tkun diġà diskussa bejn il-partijiet f’stadju aktar bikri. Ir-ritrattata tgħid li dak li kienet qiegħda tittenta s-soċjetà ritrattandi fil-każ odjern ma kien xejn għajr appell ieħor billi ġġebbed l-interpretazzjoni ta’ dik li hija applikazzjoni żbaljata ta’ liġi. Dak li s-soċjetà ritrattandi fil-fatt qiegħda tgħid huwa li hija ma kinitx taqbel mal-interpretazzjoni tal-polza u tal-liġi. Quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) is-soċjetà ritrattandi argumentat li hekk kif jiġi muri li s-sewwieq kien taħt l-effett tal-alkoħol, is-soċjetà assikuratriċi tiġi eskluża mill-ħlas ta’ *claim* magħmula mill-assikuratur/a. Ir-ritrattata min-naħa l-oħra kkontendiet li sabiex tapplika l-esklużjoni, l-assikurata kellha tkun taf u tat il-kunsens sabiex il-vettura tinstaq minn terzi taħt l-effett ta’ sokor. Tgħid ir-ritrattata li s-soċjetà ritrattandi sostniet ukoll li ċ-ċirkostanzi li taw lok għas-sentenza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited noe *vs.* Dr Mark Busuttil et noe** li kienet ġiet ċitata mir-ritrattata stess, kienu għalkollox differenti minn dawk riżultanti fil-każ odjern. Fil-fatt dan kien l-argument kollu quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) u skont dak li qiegħda ssostni r-ritrattata, is-soċjetà ritrattandi qiegħda tittenta terġa’ tqajjem l-istess argument permezz tal-proċeduri ta’ ritrattazzjoni. Għalkemm ir-ritrattata hija tal-fehma li m’għandhiex tidħol fil-

mertu minħabba dawn ir-raġunijiet, għall-fini ta' kompletezza tar-risposta tagħha tissottometti li l-argument tas-soċjetà ritrattandi jfalli stante dak li ġie stabbilit fis-sentenza ċċitata minnha.

9. Qabel tikkunsidra s-sottomissjonijiet li ppreżentat is-soċjetà ritrattandi in sostenn tat-talba tagħha sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell deċiż mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-23 ta' Jannar, 2020, fl-ismijiet fuq premessi, ikun għaqli li din il-Qorti tafferma l-prinċipji li jirregolaw l-istitut ta' ritrattazzjoni. Għandu jingħad mill-ewwel li r-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa wieħed eċċezzjonali peress li jikkostitwixxi deroga mir-regola ġenerali *res judicata pro veritate habetur.* Għalhekk il-Qrati tagħna dejjem tennew li dan ir-rimedju daqstant straordinarju huwa possibbli biss f'dawk il-każijiet li huma kontemplati fil-liġi, li f'kull każ għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv. Hekk issenjalat il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Edrichton Holidays Limited *vs.* Emanuel Vella et**[4], fejn għaddiet ukoll sabiex iċċitat minn sentenzi oħra tagħha fejn ukoll ġew enunċjati l-prinċipji sew stabbiliti li jirregolaw dan l-istitut:

> *"Fis-sentenza mogħtija fis-26 ta' April, 1993, mill-Qorti tal-Appell, fil-kawża "Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et" ġie osservat li "L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wieħed speċjalissimu li jippermetti li kawża tiġi eżaminata għat-tielet darba. L-organizzazzjoni tal-ordni ġudizzjarju fl-istruttura tagħha hija ta' żewġ gradi – prim'istanza u appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduċi t-tielet grad bħala miżura eċċezzjonalissima intiża prinċipalment biex tiġi evitata inġustizzja ċara u pależi, minħabba fatturi li jkunu jew sfuġġew l-eżami tal-ewwel istanza jew taż-żewġ istanzi jew li jkunu issopravvenew, basta li f'ebda każ dawn il-fatturi ma jkunux dovuti għan-negliġenza proċedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni"*

---

[4] App. Ċiv., 1201/98, deċiż 07.07.06.

*Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Marzu, 1992 fil-kawża "Mark Causon vs Carmel Portelli noe et" ġie osservat li "il-ġurisprudenza tagħna kostantement irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga għall-prinċipju fondamentali li l-ġudikat jikkostitwixxi liġi bejn il-kontendenti, u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-ġudikat jirrispekkjax kompletament il-verità jew il-ġustizzja. Il-ġuristi Rumani kienu jesprimu dan il-kunċett bil-massima* "res judicata pro veritate habetur" *… Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Koll. Vol. XXVII – I – 818). Diversament, taħt il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerġa' jiftaħ il-kawża, u hekk, indirettament joħloq għalih tribunal tat-tielet istanza, ħaġa li mhux permessa mill-liġi". (Koll Vol. XLIII – I – 227 u sentenza App. Dr. Gauci Borda vs Azzopardi 2/12/05)*

10. Is-soċjetà ritrattandi tikkontendi li fil-każ odjern hemm lok ta' ritrattazzjoni *ai termini* tal-paragrafu (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, li jipprovdi għal dawk iċ-ċirkostanzi:

*"(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;*

*għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni".*

11. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fuq ċitata, dik il-Qorti kompliet tosserva kif ġej:

*"Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat 3 ta' Ġunju, 1994 fil-kawża fl-ismijiet Reginald Micallef et noe. vs. Godwin Abela et noe. għar-rigward tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 jingħad -*

"… biex jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-gdid. Lanqas jistgħu jiġu vvalutati jew interpretati b'mod ieħor, għajr kif ġew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok għar-rittrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirriżultaw ippruvati,

ikun jidher li l-Qorti applikat dispożizzjoni tal-liġi flok dispożizzjoni oħra li kellha proprjament tiġi applikata. Jekk jirriżulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-liġi korretta għall-fatti tal-każ, xorta waħda ma hemmx lok għal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinċiż (e) nonostante li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti lil dik il-liġi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-liġi l-ħażina għall-każ, u mhux li applikat il-liġi t-tajba b'mod ħażin". (Ara AIC Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi App 17/2/2003; Appell 5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D. App. 27/3/2003; Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri App. 2/6/2003; u Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et App. 10/10/2003)."

12. Fil-każ odjern din il-Qorti tikkondividi l-ħsieb tar-ritrattata. Tikkunsidra li fejn skont is-soċjetà ritrattandi l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi billi naqset milli tagħti effett ta' dak li kien ġie miftiehem bejn il-partijiet permezz tal-polza tal-assikurazzjoni, u dan skont il-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* u *ai termini* tal-artikolu 992 tal-Kap. 16, mhu xejn għajr interpretazzjoni u applikazzjoni ta' klawsola speċifika fil-parametri ta' dik il-polza, anki permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipji enunċjati mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fuq ċitata. Dan joħroġ ċar mis-silta li ssegwi meħuda mis-sentenza:

*"...Jirriżulta, skont l-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, li anki f'każ ta' 'claim' 'ex contractu' għandha ssir evalwazzjoni dwar jekk il-'*policy-holder*' innifsu kisirx il-kundizzjonijiet tal-polza anki għaliex kien hu/hi li ntrabat mas-soċjetà intimata fit-termini tal-'policy' in kwistjoni u ħadd aktar".*

Minn hemm il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tgħaddi sabiex tagħmel evalwazzjoni tal-fatti riżultanti fil-każ odjern, filwaqt li tagħlaq il-konsiderazzjonijiet tagħha kif ġej:

> *"Illi in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa ġustifikat fis-sens li huwa minnu li l-arbitru għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi meta ma daħlitx fl-evalwazzjoni tal-fatti għal dak li setgħet ippermettiet o meno r-rikorrenti* 'policy holder' *fil-każ odjern sabiex tara tirriżultax jew le ksur tal-polza. Stante li jirriżulta li r-rikorrenti* 'policy holder' *kellha l-ebda responsabbiltà fis-sewqan ta' bintha allegatament taħt l-influwenza tax-xorb, ir-relazzjoni 'ex contractu' bejn il-'policy holder' u s-socjetà intimata tobbliga lill-istess soċjetà intimata li tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mir-rikorrenti fil-vettura tagħha koperta bil-polza in kwistjoni. F'dan il-każ l-eskluzjoni fil-polza li tagħmel referenza għaliha s-soċjetà intimata ma tapplikax"*

13. Minn din is-silta joħroġ ċar saħansitra minn dak li tgħid il-Qorti li l-Arbitru kienet għamlet apprezzament u mhux applikazzjoni ħażina tal-liġi, u għalhekk huwa ċar li l-kwistjoni mhix daqstant applikazzjoni żbaljata tal-liġi.

B'hekk din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tas-soċjetà ritrattandi.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar ir-rikors tas-soċjetà ritrattandi billi tiċħdu, bl-ispejjeż kollha a karigu tagħha.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**